-

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 59

[Nhar il-Tlieta 8 ta' Awwissu 2023]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' bil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil-5.30pm.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion – Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Ian Buhagiar- Kunsillier
Hugh Caruana- Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Mario Azzopardi – Kunsillier
Jessican Borg- Kunsilliera
Jeremy Cardona- Kunsillier
Alexander Calleja Zammit- Kunsillier

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **59.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| 59.1.1 | Id-D.S.E informa li l-kunsillieri M.Azzopardi, J.Cardona, J.Borg u A.Cachia Zammit talbu biex ikunu skużati |
| **59.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti nru 58** |
| 59.2.1<br><br>59.2.2 | B'referenza għal punt nru. 58.3.3 is-Sindku qal illi waqt illi se jonqos parti mill-area tal-parkeġġ tal-marina, għadu ma jafx kemm, u jekk, se jintilfu postijiet ta' parkeġġ.<br><br>Il-Viċi Sindku ppropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsillier N.Chetcuti issekondaħ. |
| **59.3** | **Korrespondenza mas-Sindku** |
| 59.3.1<br><br>**59.4**<br><br>59.4.1<br><br>**59.5**<br><br>59.5.1 | Is-Sindku qal illi rċieva korrispondenza sabiex isir attività tal-yoga ġewwa l-ġnien fit-22 ta' Awwissu 2023. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni.<br><br>**Mistoqsijiet tal-kunsilliera**<br><br>Ma kien hemm l-ebda mistoqsija<br><br>**Rapporti**<br><br>Ma kien hemm l-ebda rapporti |
| **59.6**<br><br>59.6.1<br><br>59.6.2 | **Audited Financial Statements**<br><br>L-accountant tal-Kunsill daħħal għal-laqgħa sabiex jispjega l-audited financial statements. Id-.D.S.E fakkar illi ftit xhur ilu l-Kunsill kien approva l-unaudited financial statements u hawn qed jiġu ppreżentati l-istatements ta' wara l-audit fejn saru ftit aġġustamenti.<br><br>L-accountant qal illi hemm 4 aġġustamenti li huma pjuttost immaterjali. L-accountant spjega li hemm ammont ta' €33,815 li għandom jittieħdu mill-UIF wara applikazzjoni li saret snin ilu li d-D.S.E qal mhux se jittieħdu. Dawn ġew approvati li jkunu 'written off'. Żied illi b'dan l-ammont , kif ukoll it-€22,000 li intefqu biex tinxtara orgni iżda li talli dokumenti ma intbagħtux għar-rimbors tal-flus, dawn ammontaw għall-maġġor parti tas-€60,927 deficit li hemm għas-sena. |

| | |
|---|---|
| 59.6.3 | L-accountant kompla jgħid illi l-Kunsill xorta qiegħed f'stat finanzjarja posittiva fejn hemm FSI ta' 22% u accumulated surpllus ta' €156,072 |
| 59.6.4 | Il-kunsillier N.Chetcuti propona li l-AFS jiġu approvati. Il-kunsillier H.Caruana ssekondaħ. |
| **59.7** | ***Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| 59.7.1 | Il-kunsillier N.Chetcuti staqsa jekk hemm korrispondenza rigward Community Police. Id.D.S.E qal ma wassal xejn għandu. |
| 59.7.2 | Il-Viċi Sindku staqsa jekk se jsiru kameras. Id-D.S.E qal sabiex ma jkunx hemm il-ħsieb illi jinxtraw kameras u l-problema tissolva, dawn għandom jitwaħħlu x'imkien u hemm bżonn internet u dawl. Residenti għandom bżonn jagħtu l-approvazzjoni li dawn jitwaħħlu mall-projpeta tagħhom u ningħataw ukoll elettriku u internet. |
| 59.7.3 | Il-kunsillier I.Buhagiar talab illi jsiru ftit siġġijiet illi jingħalqu fejn il-klinikk. |
| 59.7.4 | Is-Sindku qajjem il-problema tal-uffiċjali tat-traffiku fejn fakkar illi bħala Kunsill kienu ħadu d-deċiżjoni li japprovaw li jkun hemm uffiċjali li jirrappreżentaw kumpaniji tas-sigurta fejn hemm bżonn li jingħalqu toroq. Id-D.S.E qa illi bil-liġi jista jkun hemm biss uffiċjali tal-LESA, jew ta' TM fejn jingħalqu t-toroq, u f'każ illi hemm provi illi dawn ma jistawx jassistu, isir talba lill-pulizija. L-ebda servizz ta' kumpaniji privati huma permessibli.<br>Is-Sindku qal illi dik id-deċiżjoni ttieħdet biss wara li kien hemm problemi biex isibu uffiċjali u b'hekk in-nies bdew jaħdmu mingħajr permess. Daqs kemm dik id-deċiżjoni kienet waħda li ttieħdet b'mod unanimu, talab lill-kunsill jirtiraw dik id-deċiżjoni sabiex nimxu bil-liġi. Kien hemm qbil unanimu. |
| 59.7.5 | Is-Sindku qal illi feeders tal-qtates avviċinawħ sabiex il-Kunsill jgħin b'xi mod. Id-D.S.E qal aħjar ikun hemm database u l-għajnuna tkun b'tali mod illi jieħu vouchers għall-pet stores. Kien hemm qbil. |
| 59.7.6 | Il-kunsillier N.Chetcuti qal illi wieħed mill-ħaddiema tas-CWS se jirtira u talab illi jintbagħat xi ħadd ieħor ġdid. |
| 59.7.7 | Il-kunsillier N.Chetcuti staqsa meta se jsir it-tindif tal-culverts. Id-D.S.E qal illi dakinhar tal-laqgħa rċieva Ċirkulari dwar dan is-servizz sabiex isir lejn l-aħħar tas-sajf. |
| 59.7.8 | Il-kunsillier N.Chetcuti staqsa jekk triq il-Kubrit se tingħala. Id-D.S.E fakkar illi se jsir proġett f'dik l-area quddiem il-Buchman's fejn fakkar illi sar laqgħa għall-kunsilliera u attendew N.Chetcuti u A.Calleja Zammit u ġie preżentat quddiem il-Kunsill il-ħsieb. Fakkar ukoll illi dan se jsiru bil-fondi ta' Project Green. |

| | |
|---|---|
| 59.7.9 | Il-kunsillier N.Chetcuti qal illi hemm bżonn isir magna ta' BCRS. Id-D.S.E qal illi Lands oġġezzjonaw li ssir temporarjament ġo triq Ġerry Zammit. Qal ukoll illi bħala kumpanija privata BCRS ħarġu spejjez kbar sabiex isir u wara ftit issa telqet minn Sliema road. Għalhekk mhux daqshekk sempliċi illi ssir waħda daqshekk malajr. |
| 59.7.10 | Il-kunsillier N.Chetcuti qal hemm bżonn tinzebgħa il-junction box ġewwa Sliema rd. k/m triq ir-Rebħa. |
| 59.7.11 | Is-Sindku qal hemm problema għalhiex il-kuntrattur mhux qed jitħallas biex jitbattal 24 skips li huma ġewwa condiminiums minħabba analomija fil-kuntratt illi għanda tiġi ċċarata. |
| 59.7.12 | Il-Viċi Sindku staqsa jekk il-Kunsill jista jixtri xi affarijiet bħala assistenza għan-nursery. Kien hemm qbil. |
| 59.7.13 | Il-kunsillier N.Chetcuti qal hemm sprall quddiem il-Convenience Store ta' Gzira rd. Illi hemm bżonn tiġi weldjata. |
| 59.7.14 | Il-kunsillier N.Chetcuti talab illi ssir post fuq il-FB rigward il-problema tal-iskart għalhiex hemm min ma jifhimx illi l-Kunsill ma jistax jiġbor meta irid. Is-Sindku fakkar illi l-problema per se tibqa dwar l-infurzar. |
| 59.7.15 | Il-Viċi Sindku talab assistenza għall-Minors ta' Gzira United iżda għandu jibgħat proprjament x'hemm bżonn jinxtara bħala equipment. |
| **59.8** | **Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti** |
| 59.8.1 | Il-kunsillier N.Chetcuti ippropona li l-PAS jiġu approvati. Il-Viċi Sindku ssekondaħ. Kien hemm qbil unanimu. |
| **59.9** | **Mozzjoni** |
| 59.9.1 | Ma kien hemm l-ebda mozzjoni. |
| **59.10** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 59.10.1 | Il-laqgha intemmet ghall-ħabta tas- 8pm. Is-seduta li jmiss se tkun nhar it-Tnejn 18 ta' Settembru 2023 |

Awwissu

IFFIRMATA IFFIRMATA

Conrad Borg Manche
Sindku

Anthony Attard
Dep. Segretarju Eżekuttiv